MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Numru. 27/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**VS**

**MARCO FARRUGIA**
**(ID Nru. 276675M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 27/2014

Illum, 26 ta` Marzu, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Marco Farrugia, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 276675M.

**Akkuzat talli:**

Bejn it-tlettax (13) ta` Marzu, 2013, u l-hamsa (5) t'April, 2013, mill-fond numru 10, Elizabeth Court, Flat 4, Triq San Tumas, Rabat, ikkommetta serq ta` gojjellerija u xi flus kontanti, liema serq hu aggravat bil-valur, li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-persuna u bil-lok, liema serq sar ghad-dannu tal-koppja Joseph u Marika konjugi Micallef u / jew ta` xi persuna/i u / jew ta` xi entita` u / jew entitajiet ohra.

Iktar, akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi definittivi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268 (d), 269 (g), 279 (b), 280 (1) u 281 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-ewwel imputazzjoni lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Wara li l-Qorti nnotat li l-ebda sentenza fil-konfront ta` prova tal-akkuza ta` recidiva ma giet ipprezentata, waqt illi ssibu hati fuq l-ewwel imputazzjoni tilliberah mit-tieni imputazzjoni, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tikkundannah ihallas l-ispejjez tal-esperti relevanti.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------